

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġeneral tal-15 ta' Diċembru 2014 – August Wolff u Remedia vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-672/14 R)

(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Awtorizzazzjoni ta’ tqegħid fis-suq ta’ prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Nuqqas ta’ urġenza”)

(2015/C 081/27)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Dr. August Wolff GmbH & Co. KG Arzneimittel (Bielefeld, il-Ġermanja); u Remedia d.o.o (Zagreb, il-Kroazja) (rappreżentanti: P. Klappich, C. Schmidt u P. Arbeiter, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Šimerdová, A. Sipos et B.-R. Killmann, aġenti)

**Suġġett**

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C (2014) 6030 finali, tad-19 ta’ Awwissu 2014, li tikkonċċera l-awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti mediċinali topiċi għall-użu mill-bniedem li fihom konċentrazzjoni għolja ta’ estradżol, skont l-Artikolu 31 tad-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x’jaqsam ma’ prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitulu 13, Vol. 27, p. 69).

**Dispożittiv**

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) Id-digriet tat-2 ta’ Ottubru 2014 huwa rtirat.
- 3) L-ispejjeż huma rriżervati.

**Rikors ippreżentat fl-4 ta’ Diċembru 2014 – Tempus Energy u Tempus Energy Technology vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-793/14)

(2015/C 081/28)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Tempus Energy Ltd (Reading, ir-Renju Unit); u Tempus Energy Technology Ltd (Cheltenham, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: J. Derenne, J. Blockx, C. Ziegler u M. Kinsella, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata; u
- tordna lill-konvenuta tbat l-ispejjeż tagħha u dawk sostnuti mir-rikorrenti.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Permezz tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jitkolbu l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 5083 finali, tat-23 ta’ Lulju 2014, fil-Każ SA.35980 (2014/N-2) – Ir-Renju Unit, Riforma tas-Suq tal-Elettriku – Suq tal-kapaċità.